# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 30 ta' Mejju 2001**

**Avviz. numru 2300/98**

**Numru 27**

**Daniel Xriha**

**vs**

**Thomas Spagnol**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundanat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' Lm513 danni li l-attur garrab in segwitu ghal incident stradali li gara Tas-Sliema bejn VW nru BAE 336 misjuqa mill-attur u Minibus Nru GMY 008 misjuqa mill-konvenut prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba mprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti. L-incident gara fis-6 ta' Gunju 1998.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru 1998 u dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika tal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa (a fol 4 tal-atti) illi:

1. It-talba tal-attur ghandha tkun respinta bl-ispejjes kontrih stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjent izda gara unikament htija tal-attur innifsu.

2. Salvi eccezzjonjiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni kuf ukoll rat il-kopja tas-sentenza in atti esebita mill-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi, dwar il-fatti in esami, gew prodotti is-segwenti provi.

a) L-istess attur (fol 8 et seq ibid) li kien qed jsuq il-karozza "Volkswagen" numru BAE 336 kien hiereg minn Triq Mattew Pulis ghal go Triq Censu Scerri. In rigward dan, l-attur issottolinea is-segwenti punti:-

(i) Iz-zewg toroq ("T-junction") imsemmija huma "a senso unico".

(ii) In rigward Triq Censu Scerri, il-vetturi setghu jinsaqu il-fuq cjoe mid-direzzjoni tax-Xatt ta' Tigne' il-fuq.

(iii) Kif kien f'tarf Triq Mattew Pulis, hu waqaf sabiex jara jekk f'Triq Censu Scerri kien hemm vetturi ohra telghin fuq in-naha tal-lemin tieghu. In rigward dan hu qal "Harist il-fuq u l-isfel, l-aktar lejn l-isfel minn fejn jitilghu il-karozzi".

(iv) Kif ra li ma kienux gejjin karozzi, hu beda hiereg bil-mod sabiex, presumibilment, jdur lejn ix-xelllug.

(v) Dak il-hin ".... giet fuqi, f'salt ("sparat bis-sahha") minibus li kienet gejja minn naha ta' fuq cjoe minn fejn mhux suppost u dahlet go fija. Fi ftit kliem din kisret ir-regola tal-"one way" ".

(vi) Wara l-istess "minibus" bin-numru GMY 008 u misjuq mill-konvenut, habat mal-vettura tal-attur, dan il-"minibus" habat ukoll ma karozza ohra parkeggata fil-vicinanzi.

(vii) Jidher li hu xehed li jaqbel li Triq Censu Scerri hi t-Triq principali.

b) Is-Surgent tal-Pulizija 1400 Anthony Farrugia esebixxa kopja tar-rapport u skizz, relattiv ghal dan l-incident. Jigi notat li l-istess fizjal, fuq l-skizz esebit a fol 31, indika quddiem l-istess Qorti fejn, fiz-zmien ta' dan l-incident kien hemm sinjal ta' divjet ta' dhul f'Triq Censu Scerri, waqt li kkonferma li din it-triq kienet "a senso unico" kif spjegat fix-xhieda tal-attur (ara ukoll "Drivers' statements" a fol 29 tal-atti).

c) Il-konvenut (fol 33 et seq ibid) ikkonferma li kien niezel in-nizla ta' Triq Censu Scerri u in rigward dan hu qal "Minhabba li kien hemm triq maqlguha, jiena kont niezel kontra l-"one way". Hu kompla jghid li kien jaf "li t-triq hi one way".

Ikkunsidrat

Illi jidher li ma hemmx xi konflitt bejn il-partijiet fuq il-fatti u kif dawn svolgew ruhhom. Pero l-konvenut ghamel referenza ghas-sentenza esebita in atti fl-ismijiet Maria Vella Galea vs Oreste Sammut moghtija

fil-5 ta' Ottubru 1998 mill-Qorti tal-Appell u din il-Qorti fliet bir-reqqa l-istess sentenza sabiex tara jekk din tista' tigi applikata ghal kaz "in desamina".

Illi, bhala fatt jidher, fis-sentenza imsemmija, a fol 10 taghha, illi f'dan il-kaz kien irrisulta li l-konvenut "ex admissis" "... kien waqaf wara l-"stop sign" kien hares fuq ix-xellug u ra lill-attrici il-boghod, hares faccata imbaghad fuq il-lemin u hareg". Inoltre jidher li gie decis li fl-istess kaz kien irrilevanti "jekk l-attrici kienet gejja kontra l-"one way" jew le".

Illi fil-kaz "in desamina" ma jidhirx li l-fatti effettivament huma identici ghal dawk risultanti fis-sentenza msemmija. Difatti l-attur jsostni li qabel ma hareg minn triq laterali ghal wahda principali, hu esplora iz-zewg nahat u ma ra lill-hadd gej. In rigward dan, din il-Qorti, ma sabet xejn li jista' jitfa' xi dell jew suspett dwar dak li xehed l-attur. Minn naha l-ohra, irrizulta mix-xhieda taz-zewg partijiet involuti li l-konvenut kien qed jsuq kontra s-sinjal "a senso unico" u l-Qorti tara dan bhala l-fattur primarju li kkawza din il-kollisjoni ossija sewqan da parti tal-konvenut altament riskjuz u facilment prevedibbli bhala li jista' jikkaguna incident stradali, kif filfatt gara.

Illi, ghalhekk fid-dawl tal-premess, ir-responsabilta' ta' dan l-incident ghandha tigi akkolata lill-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-"quantum" tad-danni pretiz mill-attur (ara fol 10 sa 15 tal-atti) ma jidhirx li dan gie kontestat b'xi prova kontrarja.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa t-talba attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta' dawn fl-ammont ta' Lm513 u;

3. tikkundana lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm513 bl-imghax legali mid-9 ta' Dicembru 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-30 ta' Ottubru, 1998 u tas-26 ta' Novembru 1998 msemmija fl-istess avviz.

Joseph Guillaumier
Dep.Reg

Avviz Nru 2300/98 JAB